IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 31.1.2025
COM(2025) 20 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL U LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW

dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (KE) No 864/2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (ir-Regolament Ruma II)

{SWD(2025) 9 final}

Glossarju

Terminu	*Tifsira jew definizzjoni*
Il-Konvenzjoni tal-HCCH tal-1971	Il-Konvenzjoni tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat tal-4 ta' Mejju 1971 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Inċidenti tat-Traffiku.
Studju tal-2021	Studju tal-British Institute of International and Comparative Law and Civic Consulting dwar ir-Regolament (KE) Nru 864/2007 Ruma II dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali. L-istudju jivvaluta l-esperjenza prattika u l-problemi ta' interpretazzjoni fl-applikazzjoni tar-Regolament Ruma II għall-perjodu 2010-2020. Ara s-sommarju fit-Taqsima 2 tad-dokument ta' ħidma tal-persunal li jakkumpanja dan ir-rapport ("SWD", staff working document).
Il-kwestjonarju tal-2023	Kwestjonarju li ġie ċċirkolat lill-Istati Membri tal-UE fl-2023 biex tinġabar informazzjoni aġġornata dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Ruma II. Ara t-Taqsima 3 tal-SWD.
Direttiva Kontra s-SLAPP	Id-Direttiva (UE) 2024/1069 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' April 2024 dwar il-protezzjoni ta' persuni li jinvolvu ruħhom f'parteċipazzjoni pubblika minn talbiet manifestament infondati jew proċedimenti ġudizzjarji abbużivi ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika"), ĠU L, 2024/1069, 16.4.2024.
Ir-Regolament Brussell Ia	Ir-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni), ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1–32.
QĠUE	Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea.
UE	L-Unjoni Ewropea.
GDPR	Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1–88.
Stat(i) Membru/i	L-Istat(i) Membru/i tal-Unjoni Ewropea.
Ir-Regolament Ruma I	Ir-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I) ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6–16.
Ir-Regolament Ruma II	Ir-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali (Ruma II) ĠU L 199, 31.7.2007, p. 40–49.
SLAPP	Kawża Strateġika Kontra l-Parteċipazzjoni Pubblika.
Studju dwar l-applikazzjoni tal-liġi barranija	Studju tal-2011 mill-Istitut Żvizzeru tal-Liġi Komparattiva: The Application of Foreign Law in Civil Matters in the EU Member States and Its Perspectives For the Future. Ara s-sommarju fit-Taqsima 2 tal-SWD.
Studju dwar il-privatezza	Studju tal-2009 minn MainStrat: Comparative Study on the Situation in the 27 EU Countries as regards the Law Applicable to Non-Contractual Obligations Arising out of Violations of Privacy and Rights Relating to Personality. Ara s-sommarju fit-Taqsima 2 tal-SWD.

Studju dwar l-inċidenti tat-traffiku fit-toroq	Studju tal-2009 minn Demolin, Brulard, Barthelemy – Hoche: Compensation of Victims of Cross-border Road Traffic Accidents in the EU: Comparison of National Practices, Analysis of Problems and Evaluation of Options for Improving the Position of Cross-border Victims. Ara s-sommarju fit-Taqsima 2 tal-SWD.

1. INTRODUZZJONI

Fil-11 ta' Lulju 2007, l-Unjoni Ewropea adottat ir-Regolament (KE) Nru 864/2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali ("Ruma II"), li jarmonizza r-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet tal-Istati Membri fir-rigward tal-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali . Daħal fis-seħħ fil-11 ta' Jannar 2009.

Ir-Regolament Ruma II jistabbilixxi qafas legali biex jiġi ddeterminat liema liġi sostantiva nazzjonali tapplika fl-UE f'tilwim transfruntier li jinvolvi obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali , b'mod partikolari f'każijiet ta' delitt jew kważi-delitt. Billi jipprovdi regoli uniformi għall-kunflitti tal-liġijiet fl-UE, ir-Regolament Ruma II isaħħaħ iċ-ċertezza legali, il-prevedibbiltà u l-ġustizzja f'materji ċivili u kummerċjali li jinvolvu aktar minn pajjiż wieħed. Mingħajr ma jbiddel ir-regoli sostantivi tal-Istati Membri dwar l-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali, huwa jiżgura li l-istess liġi sostantiva tkun applikabbli irrispettivament minn fejn titressaq l-azzjoni fl-UE. Dawn l-elementi jagħmlu lir-Regolament Ruma II parti fundamentali mil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar il-kunflitt tal-liġijiet, billi jindirizzaw kwistjonijiet ewlenin li jinqalgħu f'kuntest Ewropew dejjem aktar interkonness u jiżguraw li t-tilwim mhux kuntrattwali jiġi ttrattat bi grad għoli ta' koerenza u konsistenza madwar l-UE.

Dan ir-rapport jippreżenta l-ewwel valutazzjoni ġenerali tal-applikazzjoni tar-Regolament mill-2009, abbażi, fost l-oħrajn, ta' diversi studji, rieżami tal-ġurisprudenza tal-QĠUE u tal-qrati nazzjonali, konsultazzjonijiet oħra, u rapporti akkademiċi u rapporti oħra. Il-perjodu estiż ta' valutazzjoni ppermetta lill-Kummissjoni tiġbor biżżejjed esperjenza bl-applikazzjoni tar-Regolament. Ir-rapport iħares ukoll lejn għadd ta' kwistjonijiet ġodda u emerġenti bħall-intelliġenza artifiċjali, ambjent dejjem aktar online u SLAPPs.

Skont il-klawżola ta' rieżami tar-Regolament, twettqu tliet studji speċifiċi[1] dwar l-inċidenti tat-traffiku (2009), dwar il-privatezza u d-drittijiet relatati mal-personalità (2009) u dwar l-applikazzjoni tal-liġi barranija (2011).

Minbarra dawn l-istudji, il-Kummissjoni vvalutat l-esperjenza prattika mar-Regolament Ruma II permezz ta' mistoqsijiet indirizzati lill-Istati Membri u l-qrati u l-awtoritajiet tagħhom. L-ewwel ġbir ta' informazzjoni bħal din fl-2012 wera li r-Regolament Ruma II ġeneralment ħadem tajjeb, iżda li l-esperjenza prattika fl-applikazzjoni tiegħu u l-ġurisprudenza rilevanti kienet għadha limitata dak iż-żmien. It-tieni ġbir ta' informazzjoni sar fl-2023 ("Kwestjonarju tal-2023")[2], inklużi mistoqsijiet speċifiċi dwar l-oqsma diġà koperti mill-istudji preċedenti. Barra minn hekk, in-Network Ġudizzjarju Ewropew f'materji ċivili u kummerċjali ltaqa' darbtejn biex jiddiskuti l-operat tar-Regolament Ruma II fl-2012 u l-2023.

[1] Ara t-Taqsima 2 tal-SWD għad-dettalji dwar l-istudji.
[2] Ara l-Anness 3 tal-SWD għad-dettalji dwar il-kwestjonarju.

Fl-aħħar nett, bħala parti mill-monitoraġġ fit-tul tal-applikazzjoni tar-Regolament u fid-dawl tat-tħejjija ta' dan ir-rapport, il-Kummissjoni kkummissjonat studju estern fl-2021 biex timmappja l-applikazzjoni tar-Regolament Ruma II mill-2010 sal-2020 ("Studju tal-2021").

Dan ir-rapport jibni fuq dawn is-sorsi biex jenfasizza s-sejbiet ewlenin dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Ruma II. Informazzjoni addizzjonali, inklużi spjegazzjonijiet aktar dettaljati li jmorru lil hinn minn dan ir-rapport, il-ġurisprudenza u s-sorsi użati huma inklużi fid-dokument ta' ħidma tal-persunal ("SWD") li jakkumpanja dan ir-rapport.

2. ĦARSA ĠENERALI LEJN L-APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT RUMA II

2.1 Kamp ta' applikazzjoni

Ir-Regolament Ruma II jistabbilixxi regoli dwar il-liġi applikabbli **għal obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li nħolqu jew li x'aktarx jirriżultaw f'materji ċivili u kummerċjali transfruntieri**. Dawn jinkludu oqsma importanti bħar-responsabbiltà f'każijiet ta' inċidenti tat-traffiku, ksur tal-proprjetà intellettwali, kompetizzjoni inġusta u atti li jirrestringu l-kompetizzjoni ħielsa, il-ħsara ambjentali jew ir-responsabbiltà tal-prodott.

Id-dispożizzjonijiet li jiddefinixxu l-kamp ta' applikazzjoni materjali tar-Regolament Ruma II ma ħolqux problemi kbar fil-prattika[3]. Madankollu, minkejja l-ġurisprudenza tal-QĠUE li tiċċara t-terminu "obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali"[4], għad hemm oqsma fejn, fin-nuqqas ta' ġurisprudenza, jippersistu inċertezzi dwar jekk ċerti talbiet humiex kuntrattwali jew le, bħall-effetti protettivi ta' ċerti kuntratti għal partijiet terzi u obbligi li jirriżultaw mill-offerta jew it-tħabbir ta' premju promozzjonali. Barra minn hekk, l-interpretazzjoni ta' esklużjonijiet speċifiċi mill-kamp ta' applikazzjoni (b'mod partikolari dawk fl-Art. 1(2)(c) u (d)[5]) għadha soġġetta għal dibattitu. Madankollu, huwa ġeneralment miftiehem li dawn l-isfidi fid-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Ruma II jistgħu jiġu solvuti permezz ta' ġurisprudenza futura.

Min-naħa l-oħra, l-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni ta' "obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jirriżultaw mill-ksur tal-privatezza u tad-drittijiet relatati mal-personalità, inkluża d-diffamazzjoni" tibqa' kwistjoni kontroversjali fost l-esperti fejn tkun ġiet promossa azzjoni leġiżlattiva[6].

2.2 Regoli dwar il-liġi applikabbli għal delitti/kważi delitti

Skont ir-Regolament Ruma II, ir-regola awtomatika hija li l-liġi applikabbli għal obbligazzjoni mhux kuntrattwali li tirriżulta minn delitt jew kważi delitt hija l-**liġi tal-pajjiż fejn ikun seħħ id-dannu** (l-Art. 4(1) imsejjaħ ukoll *lex loci damni*), b'regoli speċifiċi fl-Art. 4(2) (il-liġi tal-pajjiż tar-residenza abitwali komuni tal-vittma u tal-awtur tal-att delittwali) u (3) (rabta manifestament eqreb), b'dan tal-aħħar jipprovdi mekkaniżmu ta' flessibbiltà biex jiġu indirizzati każijiet fejn ir-regola ġenerali tista' ma twassalx għall-aktar eżitu legali xieraq. Dan il-qafas jiżgura ċertezza legali u prevedibbiltà fir-rigward tal-liġi applikabbli fil-biċċa l-kbira tal-każijiet. L-applikazzjoni tar-regola ġenerali fil-biċċa l-kbira ma kinitx problematika, għalkemm għad fadal xi mistoqsijiet dwar l-applikazzjoni tar-regola għall-vittmi indiretti,

[3] Ara t-Taqsima 1 tal-SWD rigward l-inċertezzi residwi dwar il-karatterizzazzjoni ta' ċerti asserzjonijiet speċifiċi.
[4] Ara t-Taqsima 4 tal-SWD għall-ġurisprudenza.
[5] Ara t-Taqsima 4 tal-SWD, il-kawża *Wunner*, pendenti.
[6] Ara l-Kapitolu 3.1 għad-dettalji.

delitti multipartitiċi, u l-lokalizzazzjoni tal-ħsara f'każijiet ta' telf purament finanzjarju/ekonomiku, speċjalment f'każijiet ta' delitti fis-suq finanzjarju[7].

Ir-Regolament Ruma II jipprevedi wkoll diversi regoli speċifiċi mfassla għal sitwazzjonijiet fejn ir-regola ġenerali tista' ma tkunx suffiċjenti u xierqa. Dawn jinkludu dispożizzjonijiet dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti (l-Art. 5), il-kompetizzjoni inġusta u l-atti li jirrestringu l-kompetizzjoni ħielsa (l-Art. 6), il-ħsara ambjentali (l-Art. 7), il-ksur tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali ("PI") (l-Artikolu 8), u l-azzjoni industrijali (l-Art. 9). Filwaqt li dawk ir-regoli mfassla apposta jfittxu li jipprovdu soluzzjonijiet għal-limitazzjonijiet tar-regola ġenerali, id-definizzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tagħhom tista' tikkawża wkoll diffikultajiet. Pereżempju, għad hemm kwistjonijiet ta' interpretazzjoni rigward l-interpretazzjoni tat-terminu "prodott" fir-rigward tar-responsabbiltà tal-prodott[8] u fir-rigward tad-drittijiet ta' PI koperti mill-Art. 8[9].

B'mod aktar ġenerali, ġew irrapportati problemi fejn il-fatturi ta' konnessjoni jwasslu għall-applikazzjoni ta' diversi liġijiet differenti għal tilwima waħda, speċjalment fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur, li jagħmilha kkumplikata ħafna għall-qrati biex japplikaw liġijiet barranin b'livell suffiċjenti ta' għarfien, iżidu l-ispejjeż tat-tranżazzjonijiet, bħat-traduzzjoni u l-għarfien espert, u fl-aħħar mill-aħħar iwasslu għal inċertezzi dwar l-eżitu tal-proċedimenti[10]. Dan il-fenomenu, li jista' jirrikjedi l-applikazzjoni simultanja ta' "mużajk" kumpless ta' liġijiet applikabbli għal tilwima waħda, jimmaterjalizza b'mod partikolari fir-rigward ta' delitti mwettqa online, fejn (i) id-dannu jista' jseħħ simultanjament f'għadd ta' pajjiżi jew fejn (ii) azzjoni waħda tista' tikser id-drittijiet ta' PI, b'mod partikolari d-drittijiet tal-awtur, f'aktar minn pajjiż wieħed. Problemi simili jistgħu jinqalgħu pereżempju f'każijiet ta' rimedju kollettiv jew inċidenti tal-massa. Jeżistu diversi suġġerimenti dwar kif għandha tiġi indirizzata l-problema tal-applikazzjoni simultanja ta' liġijiet multipli b'mod partikolarifil-qasam tal-ksur tad-drittijiet tal-awtur. Kif spjegat fid-dettall fit-Taqsima 1 tal-SWD, xi wħud minn dawn is-suġġerimenti jinkludu emendi leġiżlattivi fir-Regolament Ruma II[11].

2.3 Regoli oħra tar-Regolament Ruma II

Ir-Regolament Ruma II jinkludi wkoll regoli dwar il-liġi applikabbli f'każijiet ta' "arrikkiment inġust, *negotiorum gestio* u *culpa in contrahendo*" (Kapitolu III). Il-Kapitolu IV imbagħad jipprevedi l-possibbiltà li l-partijiet jaqblu li jissottomettu obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali għal-liġi tal-għażla tagħhom. L-applikazzjoni ta' dawn id-dispożizzjonijiet ġeneralment ma hijiex problematika, bi ftit kwistjonijiet irrapportati[12].

2.4 Regoli komuni, dispożizzjonijiet oħra u dispożizzjonijiet finali

Il-Kapitoli tar-Regolament Ruma II dwar regoli komuni, dispożizzjonijiet oħra u dispożizzjonijiet finali ġeneralment jiffunzjonaw mingħajr kwistjonijiet ewlenin. Madankollu,

[7] Għal delitti fis-suq finanzjarju, ara l-Kapitolu 3.3. Għal dettalji oħra ara t-Taqsima 1 tal-SWD.

[8] Ara t-Taqsima 1, il-para. 1.2.2 tal-SWD. Il-mistoqsija hija jekk it-terminu "prodott" fl-ewwel subparagrafu jirreferix ukoll għal (i) prodott, li ma huwiex l-istess oġġett preċiż bħall-prodott difettuż inkwistjoni iżda jappartjeni għall-istess lott jew serje tal-manifattur u għalhekk juri biss differenzi żgħar (pereżempju fl-immarkar jew l-imballaġġ); jew (ii) kwalunkwe prodott tal-istess tip.

[9] Minkejja l-lista mhux eżawrjenti tad-drittijiet ta' PI fil-premessa 26.

[10] Study on Cross-border Enforcement of Intellectual Property Rights in the EU. 2021, p. 57, 58

[11] Pereżempju li tiġi applikata l-eqreb konnessjoni mal-ksur bħala l-fattur ta' konnessjoni rilevanti jew li tiġi permessa, għall-kuntrarju tal-Art. 8(3) attwali tar-Regolament Ruma II, l-għażla tal-liġi applikabbli.

[12] Għad-dettalji ara t-Taqsima 1 tal-SWD.

ir-relazzjoni mal-konvenzjonijiet internazzjonali eżistenti u strumenti oħra, b'mod partikolari l-Konvenzjoni tal-HCCH tal-1971 dwar il-Liġi Applikabbli għall-Inċidenti tat-Traffiku, wasslet għal xi diffikultajiet prattiċi relatati mal-eżistenza ta' żewġ reġimi ta' liġijiet konfliġġenti għal talbiet li jirriżultaw minn inċidenti tat-traffiku transkonfinali, kif elaborat fit-Taqsima 1, tal-SWD.

3. APPLIKAZZJONI TAR-REGOLAMENT RUMA II F'OQSMA MAGĦŻULA

3.1 Privatezza, drittijiet relatati mal-personalità, inkluża d-diffamazzjoni u s-SLAPP

L-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jirriżultaw mill-ksur tal-privatezza u d-drittijiet relatati mal-personalità, inkluża d-diffamazzjoni, ġew eskluži mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Ruma II peress li ma ntlaħaq l-ebda ftehim fin-negozjati leġiżlattivi dwar fattur ta' konnessjoni xieraq għal dan il-qasam ta' delitti. Id-delitti relatati mal-privatezza jeħtieġu li d-drittijiet fundamentali kunfliġġenti għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni, minn naħa, jiġu bbilanċjati mal-privatezza u r-reputazzjoni min-naħa l-oħra. Jeżistu differenzi fil-mod kif l-Istati Membri individwali jilħqu dan il-bilanċ fis-sistemi legali u kostituzzjonali tagħhom. Dawn id-differenzi fl-approċċi leġiżlattivi[13] u r-rwol kritiku li l-libertà tal-espressjoni għandha fis-soċjetajiet demokratiċi kienu whud mill-fatturi li wasslu għall-esklużjoni tat-talbiet ta' privatezza mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Ruma II fin-nuqqas ta' kunsens dwar fattur ta' konnessjoni xieraq.

B'riżultat ta' dan, il-liġi applikabbli f'każijiet bħal dawn tibqa' tiġi ddeterminata mir-regoli nazzjonali ta' kunflitt ta' kull Stat Membru b'diverġenzi sinifikanti bejn dawk ir-regoli. L-eżistenza ta' din il-frammentazzjoni legali tagħmilha diffiċli li jitbassar liema liġi se tkun applikabbli f'każijiet ta' ksur transfruntier tal-privatezza u b'hekk x'riżultat se jkollha t-tilwima.

Il-kritika tal-esklużjoni ta' dan il-grupp importanti ta' talbiet mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Ruma II tidher li hija ġeneralment kondiviża. Pereżempju, il-professjonisti u l-partijiet ikkonċernati mistħarrġa fil-kuntest tal-Istudju dwar il-privatezzau l-Istudju tal-2021 ġeneralment sabu li s-sitwazzjoni attwali ma kinitx sodisfaċenti. Barra minn hekk, fit-tweġibiet tagħhom tal-2023, il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri kienu tal-fehma li r-regoli dwar il-kunflitt tar-regoli f'dan il-qasam għandhom jiġu armonizzati aħjar. Ma deherx li kien hemm pożizzjonijiet riġidi li jeskludu l-kopertura futura ta' dawn id-delitti mir-Regolament Ruma II; madankollu, xi Stati Membri esprimew dubji dwar jekk jistax jinstab fattur ta' konnessjoni uniformi aċċettabbli li jibbilanċja b'mod adegwat id-drittijiet u l-interessi konfliġġenti.

Saru diversi proposti dwar fattur ta' konnessjoni xieraq mill-adozzjoni tar-Regolament Ruma II 'l hawn. Barra minn hekk, sar ukoll xogħol ieħor dwar is-suġġett tad-drittijiet tal-privatezza u tal-personalità. Dan jinkludi:

- **Studju tal-2008 dwar il-privatezza u segwitu mill-Parlament Ewropew**: L-Istudju dwar il-privatezza, iddettaljat fit-Taqsima 2 tal-SWD, immappja r-regoli tal-Istati Membri relatati mal-privatezza u identifika soluzzjonijiet possibbli għad-diffikultajiet

[13] B'mod partikolari l-approċċ leġiżlattiv tar-Renju Unit li jiffavorixxi b'mod konsiderevoli lir-rikorrent f'każijiet ta' diffamazzjoni dak iż-żmien kien distint sew minn dak tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri l-oħra. Ara l- Istudju dwar il-privatezza.

li jitfaċċaw fin-nuqqas ta' regola fir-Regolament Ruma II. Dan wera wkoll appoġġ kbir favur l-armonizzazzjoni tal-liġi applikabbli għad-diffamazzjoni.

Wara l-pubblikazzjoni tal-Istudju tal-2008, il-Parlament Ewropew adotta riżoluzzjoni fl-2012 fejn ippropona li jikkomplementa r-Regolament Ruma II b'regola dwar il-kunflitt tal-liġijiet dwar il-privatezza u d-drittijiet relatati mal-personalità li tkun ibbażata fuq *lex loci damni*[14] kkwalifikata.

- **GDPR**: Ir-Regolament (UE) 2016/679 ("GDPR"), applikabbli għall-protezzjoni tad-*data* personali ta' persuni fiżiċi fl-UE mill-2018, jarmonizza ċerti aspetti tal-infurzar privat tal-liġi dwar il-protezzjoni tad-data fl-Artikoli 79 u 82[15]. Dawn id-dispożizzjonijiet fihom regoli sostantivi dwar id-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv kontra l-kontrolluri u l-proċessuri u d-dritt li jintalab kumpens kontra l-kontrolluri u l-proċessuri tad-data għad-danni li l-individwi jkunu sofrew bħala konsegwenza ta' ksur tal-GDPR.

  Jekk regola dwar il-liġi applikabbli għall-privatezza u d-drittijiet tal-personalità tiġi inkluża fir-Regolament Ruma II, l-interazzjoni mal-GDPR jeħtieġ li tiġi kkunsidrata bir-reqqa. Filwaqt li dwar aspetti tad-dritt għal kumpens li ġew irregolati b'mod uniformi fil-GDPR, id-deżinjazzjoni tal-liġi ta' Stat Membru wieħed minflok ta' Stat Membru ieħor bħala liġi applikabbli skont ir-Regolament Ruma II tkun mingħajr konsegwenza prattika, dan ma jkunx il-każ għal aspetti ta' dak id-dritt li ma ġewx indirizzati fil-GDPR[16].

- **Ir-Regolament Brussell Ia u l-ġurisprudenza relatata**: Ir-regoli ta' ġurisdizzjoni internazzjonali li jikkonċernaw il-ksur tad-drittijiet tal-privatezza u tal-personalità u t-talbiet ta' diffamazzjoni huma koperti mir-Regolament Brussell Ia. F'serje ta' deċiżjonijiet preliminari fuq perjodu ta' żmien estiż, il-QĠUE kellha l-opportunità li tiċċara dawn ir-regoli, b'mod partikolari l-kunċett tal-post fejn iseħħ id-dannu fil-każ ta' diffamazzjoni kemm f'pubblikazzjonijiet stampati kif ukoll fuq l-internet[17]. Għaldaqstant, skont ir-Regolament Brussell Ia huwa possibbli li jinbdew proċeduri għad-danni għal diffamazzjoni f'diversi ġurisdizzjonijiet fid-diskrezzjoni tar-rikorrent[18].

---

[14] B'mod aktar speċifiku, il-liġi tal-pajjiż li fih seħħ(ew) l-aktar element(i) sinifikanti tat-telf jew tad-dannu għandha tiġi applikata skont ir-riżoluzzjoni. Madankollu, jekk il-konvenut ma setax jipprevedi b'mod raġonevoli l-konsegwenzi sostanzjali tal-att tiegħu li jseħħ f'dak il-pajjiż, tiġi applikata l-liġi tal-pajjiż li fih il-konvenut huwa abitwalment residenti.

[15] Il-GDPR huwa limitat għall-ipproċessar ta' data personali u ma jkoprix ksur ieħor tad-dritt għall-privatezza.

[16] Pereżempju, fin-nuqqas ta' regoli dwar il-kwantifikazzjoni tad-danni fil-GDPR, hija s-sistema legali ta' kull Stat Membru li għandha tippreskrivi tali regoli, soġġetta għall-konformità mal-prinċipji ta' ekwivalenza u effettività. Naturalment, il-liġi applikabbli ta' Stat Membru skont ir-Regolament Ruma II jista' jkollha wkoll konsegwenzi prattiċi fir-rigward ta' talbiet li jikkonċernaw data mhux personali u għalhekk mhux regolata mill-GDPR, pereżempju talbiet ibbażati fuq l-ipproċessar ta'data ta' persuni deċeduti jew persuni ġuridiċi.

[17] Ara p. 113, 114 fl- Istudju tal-2023 dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Brussell Ia għad-dettalji tal-ġurisprudenza.

[18] Minbarra l-forum ġenerali tad-domiċilju tal-konvenut, il-"post fejn seħħ id-dannu" jinkludi l-post fejn il-vittma għandha ċ-"ċentru tal-interessi" tagħha bħala forum fejn id-dannu kollu jista' jintalab, għalkemm biss fil-kuntest

Fil-prattika, minħabba kemm l-għażla tal-ġuriżdizzjonijiet disponibbli kif ukoll in-nuqqas ta' regola uniformi tad-dritt applikabbli fl-UE, ir-rikorrenti spiss jagħżlu li jressqu proċedimenti fil-forum li jkollu l-aktar liġi applikabbli favorevoli. F'xi każijiet[19], dan il-forum jista' jkollu rabta pjuttost marġinali mat-tilwima inkwistjoni. Dan jista' joħloq art fertili għal strateġiji ta' fastidju ġudizzjarju, bħal fil-kuntest ta' SLAPPs.

- **SLAPPs** ("Kawżi strateġiċi kontra l-parteċipazzjoni pubblika") huma proċedimenti tal-qorti – tipikament talbiet dwar diffamazzjoni jew privatezza - li ma jitressqux biex ġenwinament jasserixxu jew jeżerċitaw dritt, iżda għandhom bħala l-għan ewlieni tagħhom il-prevenzjoni, ir-restrizzjoni jew il-penalizzazzjoni tal-parteċipazzjoni pubblika. Indikazzjonijiet ta' tali skop jinkludu pereżempju n-natura eċċessiva tat-talba, il-bidu ta' proċedimenti multipli jew l-użu in *mala fide* ta' tattiċi proċedurali. Meta s-SLAPPs ikollhom dimensjoni transfruntiera, ir-rikorrenti jistgħu jibdew proċedimenti f'ġuriżdizzjoni li huma jqisu bħala favorevoli jew fejn l-ispejjeż imposti fuq il-konvenut ikunu partikolarment għoljin, jew saħansitra f'ġuriżdizzjonijiet multipli.

  Minħabba t-tkabbir ta' dan il-fenomenu fl-UE u r-riskju li jimplika għal-libertà tal-espressjoni u l-media ħielsa billi toħnoq id-dibattitu pubbliku, l-UE adottat id-Direttiva kontra s-SLAPP fl-2024 biex tiżgura salvagwardji proċedurali adegwati kontra tali litigazzjoni abbużiva. Matul in-negozjati l-Parlament Ewropew ippropona li tiġi inkluża regola speċjali dwar il-kunflitt tal-liġijiet iżda fl-aħħar il-koleġiżlaturi qablu li kwalunkwe rieżami futur tar-Regolament Ruma II għandu jivvaluta l-aspetti speċifiċi għas-SLAPP tar-regoli dwar il-liġi applikabbli.

  Il-fenomenu SLAPP reċenti jenfasizza speċifikament li l-problemi maħluqa mill-multiplikazzjoni tal-ġuriżdizzjonijiet disponibbli u min-nuqqas ta' regola dwar il-kunflitt tal-liġijiet f'każijiet ta' diffamazzjoni u privatezza jistgħu jiġu sfruttati b'mod abbużiv biex ifixklu l-parteċipazzjoni pubblika. Madankollu, dawn il-problemi huma komuni għall-każijiet kollha ta' malafama u privatezza. Għalhekk, jekk regola dwar il-kunflitt tal-liġijiet tiżdied mar-Regolament Ruma II, din għandha possibbilment tapplika b'mod ġenerali għal każijiet ta' ksur tal-privatezza u d-drittijiet relatati mal-personalità, irrispettivament minn jekk humiex abbużivi. L-Istati Membri kkonsultati dwar dan l-aspett bl-istess mod qablu li kwalunkwe regola possibbli fir-Regolament Ruma II għandha tkun waħda ġenerali[20].

Bħala konklużjoni, jidher li hemm amont kritiku ta' argumenti biex tiġi kkunsidrata emenda fir-Regolament Ruma II li tinkludi *obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jirriżultaw mill-ksur tal-privatezza u tad-drittijiet relatati mal-personalità, inkluża d-diffamazzjoni*, fil-kamp ta'

ta' diffamazzjoni online, kif ukoll kull Stat Membru fejn il-kontenut diffamanti huwa aċċessibbli, iżda biss fir-rigward tad-dannu kkawżat f'dak l-Istat Membru.

[19] Pereżempju il-każ *Gtflix TV*. Ara t-Taqsima 4 tal-SWD.

[20] Ara t-Taqsima 3 tal-SWD dwar il-Kwestjonarju 2023. Diversi Stati Membri indikaw li ma kinux konxji ta' diffikultajiet konsiderevoli għall-vittmi ta' SLAPPs f'kuntest transfruntier jew iddikjaraw li approċċ uniformi tal-UE għar-regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet jista' ma jnaqqashomx. B'kuntrast ma' dan, Stat Membru wieħed argumenta espressament li b'liġi applikabbli uniformi, l-eżerċizzju tad-dritt għad-difiża jiġi ssimplifikat.

applikazzjoni. Fil-kuntest ta' din il-konsiderazzjoni, l-interazzjoni mar-Regolament Brussell Ia u l-għażliet xierqa għal regola xierqa dwar il-kunflitt tal-liġijiet għandhom jiġu vvalutati b'mod komprensiv.

3.2 Intelliġenza artifiċjali ("IA")

L-applikazzjoni futura tar-Regolament Ruma II għal kawżi li jikkonċernaw obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali relatati mal-użu tal-IA se tkun influwenzata mill-evoluzzjoni ta' sistemi legali sostantivi b'reazzjoni għal tilwim relatat mal-IA. Kif aktar kawżi li jinvolvu l-IA se jitressqu quddiem il-qrati u t-teknoloġija tavvanza, is-sistemi legali se jkollhom bżonn jadattaw u jiżviluppaw oqfsa biex jindirizzaw l-isfidi ppreżentati mill-IA. Dan jista' jinkludi d-determinazzjoni tar-responsabbiltà, l-istabbiliment ta' standards ta' kura, u d-definizzjoni tar-responsabbiltajiet legali f'kuntesti relatati mal-IA. L-iżvilupp kontinwu tat-teknoloġija u x-xenarju legali f'termini ta' regoli sostantivi li jirregolaw l-użu tal-IA se jsawru mistoqsijiet dwar l-applikazzjoni tar-Regolament Ruma II għall-każijiet tal-IA fil-futur[21] .

Madankollu, minħabba n-natura li għadha qed toħroġ fid-dieher tal-identifikazzjoni ta' approċċi biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet relatati mal-użu dejjem jikber tal-IA, huwa diffiċli li jiġi vvalutat jekk u sa liema punt jistgħu jkunu meħtieġa regoli speċifiċi fir-Regolament Ruma II. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri fil-kontribut tagħhom qablu li ftit li xejn kien hemm esperjenza prattika fl-għażla tal-problemi tal-liġi f'każijiet li jinvolvu l-użu tal-IA u fejn ġew imsemmija problemi potenzjali, dawn ma ġewx speċifikati. Ġie indikat li jkun prematur li jinstabu soluzzjonijiet għall-problemi mingħajr ma wieħed jistenna li wieħed jara x'jistgħu jkunu, u ġiet artikolata l-mistoqsija dwar jekk wieħed għandux saħansitra jikkunsidra regoli speċjali għar-responsabbiltà tal-IA peress li r-Regolament Ruma II huwa deliberatament newtrali fir-rigward tat-teknoloġija.

Dan l-approċċ ġeneralment kawt ġie segwit ukoll mill-Istudju tal-2021 li indika n-nuqqas ta' eżempji prattiċi f'dan il-qasam u l-fatt li s-sistemi legali kienu għadhom ma ddefinixxewx l-approċċ tagħhom għall-impożizzjoni tar-responsabbiltà sostantiva, b'mod partikolari l-kwistjoni dwar jekk il-produttur jew l-utent tas-sistema tal-IA għandux ikun primarjament responsabbli.

F'dan l-isfond jista' jiġi konkluż li, soġġett għal analiżi ulterjuri, jista' jkun li għadu ma wasalx iż-żmien biex tiġi prevista kwalunkwe emenda potenzjali fir-Regolament Ruma II biex jiġu introdotti regoli speċifiċi għall-IA.

3.3 Delitti fis-suq finanzjarju u responsabbiltà għall-prospett

L-applikazzjoni tar-Regolament Ruma II għal delitti fis-suq finanzjarju u r-responsabbiltà għall-prospett ġiet diskussa ta' spiss, speċjalment fl-akkademja. B'mod partikolari, ġie diskuss b'mod kontroversjali kif għandu jiġi applikat l-Art. 4 għal każijiet ta' obbligazzjonijiet mhux

[21] Ara l-Proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva dwar l-adattament tar-regoli dwar ir-responsabbiltà ċivili mhux kuntrattwali għall-intelliġenza artifiċjali (id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-IA), COM/2022/496 final. Il-Proposta ma fihiex regoli dwar il-kunflitt tal-liġijiet u għalkemm l-armonizzazzjoni tnaqqas id-differenzi fl-eżitu li jistgħu jirriżultaw mill-applikazzjoni tal-liġi nazzjonali ta' Stati Membru wieħed jew ta' ieħor, tindirizza biss elementi speċifiċi ħafna relatati mad-divulgazzjoni tal-evidenza u l-oneru tal-provi u anke fil-kamp ta' applikazzjoni ristrett tagħha tirrappreżenta armonizzazzjoni minima sabiex jibqgħu d-differenzi.

kuntrattwali li jirriżultaw minn delitt fis-suq finanzjarju. Xi awturi jargumentaw li r-regola ġenerali fl-Art. 4 tar-Regolament Ruma II ma hijiex adattata biex tirregola **każijiet ta' delitti fis-suq finanzjarju, inklużi każijiet ta' responsabbiltà għall-prospett,** peress li d-dannu sostnut huwa biss wieħed purament ekonomiku u l-lokalizzazzjoni tiegħu wara l-*lex loci damni* hija għalhekk ikkumplikata. Barra minn hekk, skont l-interpretazzjoni tal-Art. 4(1), f'sitwazzjonijiet fejn l-investituri affettwati jew il-kontijiet tagħhom jinsabu f' diversi pajjiżi, l-emittenti tat-titoli (jew persuni oħra responsabbli) jistgħu jkunu soġġetti għal talbiet taħt diversi reġimi legali għal att wieħed bħal li jagħmlu rappreżentazzjonijiet żbaljati fi prospett.

Il-kwistjoni ta' kif jiġi lokalizzat it-telf purament finanzjarju taħt ir-Regolament Ruma II ma hijiex limitata għal każijiet ta' delitti fis-suq finanzjarju[22] iżda tqajmet l-aktar f'dak il-kuntest. Diversi referenzi preliminari dwar il-lokalizzazzjoni tat-telf finanzjarju ġew ippreżentati lill-QĠUE fil-kuntest tad-determinazzjoni tal-ġurisdizzjoni skont ir-Regolament Brussell Ia iżda għadha ma ħarġet l-ebda ġurisprudenza ċara b'mod inekwivoku dwar din il-kwistjoni[23]. It-trasferiment ta' dawn id-deċiżjonijiet għall-kuntest tar-Regolament Ruma II jista' jikkawża eżiti mhux mixtieqa, inkluża frammentazzjoni tal-liġi applikabbli għal delitt fis-suq finanzjarju uniku[24]. Il-frammentazzjoni tal-liġi applikabbli tagħmel ukoll l-azzjonijiet kollettivi tal-investituri aktar diffiċli u twassal għal differenzi possibbilment mhux ġustifikati fl-istandards ta' protezzjoni bejn l-investituri. Barra minn hekk, jista' jkun diffiċli li wieħed ibassar il-liġi minn qabel, peress li t-tranżazzjonijiet bi strumenti finanzjarji normalment isiru fi swieq sekondarji jew ir-residenza abitwali tal-investitur jew il-post tal-istabbiliment tal-bank li jżomm il-kontijiet fil-biċċa l-kbira ma jkunx magħruf minn emittent (jew intermedjarju).

Ġew proposti għażliet differenti fir-rigward ta' soluzzjoni xierqa. Pereżempju, ġie ssuġġerit minn xi akkademiċi li l-Art. 4 jiġi interpretat (mill-ġdid) permezz tal-ġurisprudenza abbażi ta' test mhux mibdul biex tiġi indirizzata l-inċertezza dwar il-post tal-ħsara. B'mod partikolari, ta' spiss jiġi argumentat li dak il-post għandu jikkorrispondi mas-suq finanzjarju affettwat rilevanti. Suġġerimenti oħra inkludew pereżempju li tintuża l-klawżola liberatorja fl-Art. 4(3), u b'hekk twassal għal liġi applikabbli unika għat-tilwima kollha, bħal-liġi tal-pajjiż fejn it-titoli huma kkwotati jew ammessi għan-negozjar.

Alternattivament, sabiex jiġi indirizzat dan it-tħassib b'mod ħolistiku, ġie propost li jiġi emendat ir-Regolament Ruma II biex tiġi stabbilita regola speċjali dwar il-kunflitt tal-liġijiet li tikkonċerna obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali li jirriżultaw minn delitti f'suq finanzjarju, inkluża r-responsabbiltà għall-prospett[25]. Din ir-regola tista' tissoġġetta dawk l-obbligi **għal-**

[22] Ara pereżempju l-kawża pendenti *Wunner* fejn il-QĠUE tintalab tiddetermina l-"post fejn seħħ id-dannu" f'każ ta' responsabbiltà delittwali fir-rigward tat-telf tal-logħob.

[23] Il-QĠUE sostniet pereżempju f'*Kolassa*, li d-dannu li jirriżulta minn miżinformazzjoni fi prospett seħħ fid-domiċilju tal-investitur, sakemm dan il-post jikkoinċidi mal-post tal-istabbiliment tal-bank li jimmaniġġja l-kont tal-investitur. B'kuntrast ma' dan, fid-deċiżjoni l-aktar reċenti tagħha, *VEB vs BP,* il-QĠUE kienet tal-fehma aktar stretta li l-post fejn seħħ id-dannu ma huwiex l-Istat Membru li fih il-bank jew id-ditta tal-investiment li fiha jinżamm il-kont għandhom l-uffiċċju rreġistrat tagħhom fejn dik id-ditta ma kinitx soġġetta għal obbligi statutorji ta' rapportar f'dak l-Istat Membru.

[24] Dan ikun il-każ speċjalment jekk tiġi segwita l-linja ta' ġurisprudenza li tillokalizza d-dannu finanzjarju fil-pajjiż fejn jinżamm il-kont tal-investitur.

[25] Ara pereżempju r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill Ġermaniż dwar id-Dritt Internazzjonali Privat tal-31. 03. 2012, *IPRax* 2012/5 p. 471 li tissuġġerixxi l-introduzzjoni ta' regola speċjali ta' kunflitt għal delitti finanzjarji bbażati fuq il-liġi tal-pajjiż fejn jiġi nnegozjat l-istrument finanzjarju affettwat. Hemm ukoll klawżola liberatorja u klawżola għall-istrumenti nnegozjati f'aktar minn ċentru tan-negozjar wieħed, flimkien ma' bidla proposta għall-premessi. Ara wkoll l-Istudju tal-2021, p. 34.

liġi tal-pajjiż fejn ikun jinsab is-suq rilevanti (fejn l-istrument finanzjarju affettwat ikun ġie ammess għan-negozjar). Madankollu, hemm dubju dwar jekk regola bħal din taħdimx fil-każijiet kollha, inklużi strumenti finanzjarji mhux ikkwotati (bejgħ barra l-borża). Filwaqt li l-introduzzjoni ta' regola dwar il-kunflitt tal-liġijiet iċċentrata madwar is-suq regolat rilevanti tidher li hija ppreferuta mill-biċċa l-kbira tal-akkademiċi, jeżistu proposti oħra[26].

L-Istati Membri rrapportaw, b'mod simili għall-Istudju tal-2021[27], li l-każijiet li jinvolvu delitti transfruntieri fis-suq finanzjarju u r-responsabbiltà għall-prospetti ma seħħewx ta' spiss u għalhekk il-kwistjonijiet relatati mal-applikazzjoni tar-Regolament Ruma II kienu limitati. Min-naħa l-oħra, tliet Stati Membri rrapportaw diffikultajiet prattiċi fl-applikazzjoni tar-Regolament Ruma II għal dan il-qasam ta' delitti u pproponew li tiġi kkunsidrata regola speċjali dwar il-kunflitt tal-liġijiet f'dan il-qasam. Kienet irrakkomandata l-liġi jew tal-pajjiż li fis-suq tiegħu huma elenkati t-titoli jew tal-pajjiż fejn l-emittent għandu l-uffiċċju rreġistrat tiegħu.

Għalkemm il-problema titqajjem b'mod speċjali mid-dinja akkademjika, id-deċiżjonijiet preliminari tal-QĠUE fil-kuntest tal-istabbiliment ta' ġuriżdizzjoni f'każ ta' delitti fis-suq finanzjarju u r-responsabbiltà għall-prospett juru li l-lokalizzazzjoni tat-telf finanzjarju qed issir kwistjoni rilevanti wkoll fost il-prattikanti. Minn dan isegwi li għandu jiġi eżaminat f'iktar dettall kif għandhom jiġu indirizzati kawżi fejn id-danni huma purament ekonomiċi, possibbilment billi tiġi inkluża regola speċjali dwar il-kunflitt tal-liġijiet fir-Regolament Ruma II li tittratta d-delitti fis-suq finanzjarju u r-responsabbiltà għall-prospett, jew billi titħalla għall-interpretazzjoni tal-qrati.

3.4 Rimedju kollettiv u każijiet li jinvolvu diversi partijiet

Xenarji multistatali li jinvolvu każijiet ta' responsabbiltà għall-prodotti, atti ta' kompetizzjoni inġusta u atti li jirrestringu l-kompetizzjoni ħielsa, ir-responsabbiltà għall-prospett, inċidenti b'diversi vetturi, jew każijiet tal-konsumatur ta' ħsara tal-massa huma wħud mill-eżempji fejn grupp ta' vittmi jista' jsofri ħsara mill-istess att. F'dawn is-sitwazzjonijiet, fejn azzjoni kollettiva tfittex kumpens għall-membri kollha tal-grupp danneġġat, id-dannu għandu jiġi lokalizzat b'mod indipendenti u separat għal kull talba u għal kull vittma. Għalhekk, f'każijiet ta' rimedju kollettiv, il-qorti invokata jista' jkollha tapplika diversi liġijiet sostantivi għat-talbiet ta' rikorrenti differenti tal-grupp. Dan jista' jkun il-każ b'mod partikolari fil-kuntest ta' azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi mressqa skont id-Direttiva (UE) 2020/1828[28], adottata relattivament reċentement, meta l-konsumaturi rappreżentati jkunu domiċiljati f'aktar minn pajjiż wieħed. L-applikazzjoni ta' diversi liġijiet sostantivi għandha t-tendenza li tikkomplika l-valutazzjoni tal-każ, iżżid l-ispejjeż u t-tul tal-litigazzjoni u jista' jkollha effett ta' kkalmar fuq l-istrateġiji ta' litigazzjoni dwar il-moviment tal-konsumatur. Min-naħa l-oħra, l-alternattiva, jiġifieri li t-talbiet jiġu soġġetti għal liġijiet applikabbli differenti skont jekk it-talbiet jiġux segwiti individwalment jew b'mod konġunt fil-kuntest ta' rimedju kollettiv, tista' taffettwa l-prevedibbiltà tar-regoli tal-liġi applikabbli u, konsegwentement, iċ-ċertezza legali.

[26] Għal eżempji, ara l-Istudju 2021 p. 33, 239.
[27] p. 396.
[28] Id-Direttiva (UE) 2020/1828tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2020 dwar azzjonijiet rappreżentattivi għall-protezzjoni tal-interessi kollettivi tal-konsumaturi, ĠU L 409, 4.12.2020, p. 1–27.

Dwar il-kwistjoni jekk ir-Regolament Ruma II huwiex adattat sew biex jittratta r-rimedju kollettiv, li jista' jinvolvi għadd kbir ta' liġijiet potenzjalment applikabbli, l-opinjonijiet tal-Istati Membri fil-Kwestjonarju tal-2023 varjaw. Filwaqt li l-maġġoranza ma kkummentatx jew sabet li s-sitwazzjoni preżenti hija sodisfaċenti[29], xi wħud semmew problemi potenzjali jew kienu tal-fehma li s-soluzzjoni kienet li l-azzjoni tinqasam f'lottijiet skont il-liġi applikabbli rilevanti.

Għalkemm f'dan l-istadju ma jistax jiġi konkluż jekk jistax ikun hemm soluzzjoni oħra, għajr l-istatus attwali, li tiffaċilita kemm ir-rimedju kollettiv kif ukoll tiżgura ċ-ċertezza legali dwar il-liġi applikabbli irrispettivament mill-proċedura magħżula biex jintalab kumpens, għandha tingħata aktar attenzjoni lil dik il-valutazzjoni fil-kuntest ta' rieżami possibbli tar-Regolament Ruma II.

4. KONKLUŻJONI

Filwaqt li titqies l-esperjenza prattika matul il-15-il sena minn meta daħal fis-seħħ ir-Regolament Ruma II, abbażi tal- fehmiet miġbura mill-Istat Membru u mill-partijiet ikkonċernati kif ukoll tal-valutazzjoni ta' dik l-esperjenza f'diversi studji, jista' jiġi konkluż li r-Regolament ġeneralment jaħdem tajjeb u huwa adattat għall-iskop tiegħu. Iċ-ċertezza legali dwar l-interpretazzjoni tar-Regolament kompliet tissaħħaħ bit-tfaċċar ta' sentenzi tal-QĠUE[30] u l-ġurisprudenza nazzjonali.

Madankollu, is-sejbiet f'dan ir-rapport jiżvelaw diversi kwistjonijiet li jistħoqqilhom analiżi aktar fil-fond bil-ħsieb li jiġi vvalutat jekk humiex mixtieqa aġġustamenti leġiżlattivi mmirati tar-Regolament Ruma II u x'għażliet jistgħu jeżistu biex dawn jiġu indirizzati b'mod effiċjenti. Dawn il-kwistjonijiet jinkludu b'mod partikolari dawn li ġejjin:

- valutazzjoni mill-ġdid tal-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Ruma II għad-drittijiet tal-privatezza u tal-personalità, inkluża d-diffamazzjoni;
- l-applikazzjoni tar-Regolament Ruma II f'każijiet fejn id-dannu jseħħ simultanjament f'ħafna ġurisdizzjonijiet, li jwassal għal applikazzjoni possibbli ta' diversi liġijiet nazzjonali għall-obbligazzjoni mhux kuntrattwali (pereżempju każijiet ta' rimedju kollettiv u delitti mwettqa online, inkluż ksur tad-drittijiet ta' PI online, speċjalment tad-drittijiet tal-awtur);
- delitti li jikkawżaw telf purament ekonomiku, inklużi d-delitti fis-suq finanzjarju u r-responsabbiltà għall-prospett.

Fuq din il-bażi, bil-ħsieb li jiġi vvalutat jekk hijiex meħtieġa bidla leġiżlattiva, il-Kummissjoni se twettaq analiżi ulterjuri sabiex tikkunsidra u potenzjalment tħejji proposta biex temenda jew tfassal mill-ġdid ir-Regolament f'konformità mar-regoli ta' Regolamentazzjoni Aħjar. F'dak il-kuntest, tista' titwettaq ukoll analiżi ulterjuri biex jiġu vvalutati l-merti ta' modifiki konċepibbli oħra jew, f'oqsma fejn ir-regoli eżistenti huma kompletament xierqa, kjarifiki testwali possibbli biex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni tagħhom.

[29] Stat Membru wieħed indika li r-rikors għall-Art. 4(3) normalment jipprovdi soluzzjoni.
[30] Ara t-Taqsima 4 tal-SWD dwar il-ġurisprudenza.